**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 263/2020 PM1**

**Audriette sive Audrey Grech (ID 549075(M))**

**Vs**

**Glenn Briffa (ID 554879(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2020 li permezz tieghu l-attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess attrici is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u ghoxrin euro u disgha u sebghin centezmi (€1221.79) piu` imghax legali rapprezentanti sehem il-konvenut mill-ispejjez edukattivi u medici inkorsi mill-istess attrici ghal binhom minuri Travis ghas-snin 2017 sa 2019 liema ammont l-intimat hu tenut ihallas lir-rikorrenti ai termini tal-klawsola 6(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datata 21 ta' Marzu, 2016 in atti Nutar Dr. Sarah Scerri bl-ispjejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni..

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz senjatament il-prospett tal-ispejjez inkorsi mill-istess attrici (Dok. AG1 a fol. 3 tal-process).

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li:

1. Illi l-ammont mitlub mill-attrici huwa wiehed mhux dovut stante illi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi l-ammont pretiz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa wiehed eccessiv stante illi kull spejjez diga` gew mhallsa u/jew mhumiex spejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri Travis.

Sema' x-xhieda tal-partijiet waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2021 u ra wkoll id-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda tal-attrici waqt is-seduta tas-17 ta'Marzu, 2021 u ra wkoll id-dokumenti ezebiti minnha waqt l-istess seduta.

Rega' sema' lill-partijiet waqt is-seduta tas-27 ta'Mejju, 2021 u ra d-dokument ezebiti waqt l-istess seduta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas lill-attrici mill-konvenut ta' diversi somom rapprezentamenti spejjez tas-sahha u edukazzjoni ta' binhom Travis. Il-konvenut wiegeb ghal tali talba billi stqarr li l-ammont mhuwiex dovut u kwindi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Eccepixxa wkoll li l-ammont huwa eccessiv ghaliex jinkludi spejjez imhallsa jew mhux relatti mal-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri.

Illi rrizulta li permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti datat 21 ta' Marzu, 2016 in atti tan-Nutar Dr. Sarah Scerri jinsab provdut li:

*"Ir-ragel jobbliga ruhu li jissoministra manteniment lil mara ghall-bzonnijiet tal-wild minuri fis-somma ta' mija u tmenin euro (€180) kull xahar. Il-partijiet jaqblu li huma ghandhom ihallsu l-ispejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni, inkluz izda mhux biss privat u lezzjonijiet sportivi, f'sehem ugwali bejniethom wara il-prezentata tar-ricevuta u dan mhux izjed minn gimghatejn minn meta ikun sar tali hlas.*

*Inoltre il-partijiet qeghdin jaqblu li l-komparenti ragel ghandu ihallas l-ispejjez kollha relatati mat-trasport tal-iskola tal-minuri* **filwaqt illi il-komparenti mara ghandha thallas il-mizata kollha tal-iskola tal-minuri***. Fil-kaz li xi wahda mill-partijiet tkun hallset izjed mill-parti l-ohra f'dak illi jirrigwardja l-ispejjez tat-trasport u mizata tal-iskola tal-minuri, allura f'dan il-kaz il-parti li tkun hallset l-anqas ammont ghandha thallas nofs id-differenza ta' dawn l-ammont lill-parti l-ohra. Il-hlas ta' manteniment pagabbli mill-komparenti ragel ghandu jsir permezz ta' standing order f'kont bankarju indikat mill-komparenti mara u intestat f'isimha."* (enfazi mizjuda)

Illi waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2021 it-Tribunal ordna li tinghata kopja tar-ricevuti li gew ezebiti mill-attrici lill-avukat tal-konvenut u dana biex il-konvenut ikun jista' jindika permezz ta' nota fil-mori liema minn dawn l-ircevuti, jekk hemm, m'humiex kontestati u r-raguni ghal tali kontestazzjoni fir-rigward tal-ircevuti kontestati minnu.

Illi waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021 irrizulta, waqt il-kontro-ezami tal-attrici, illi l-konvenut kien qieghed jillimita l-kontestazzjoni tieghu ghall-ammont li jmur oltre dak indikat minnu permezz tal-email datata 31 t'Ottubru, 2019 (Dok. AG1). Minn tali email jirrizulta li l-konvenut kien qed jaccetta li jhallas, fost ohrajn nofs l-ispejjez tal-privatijiet, kotba u stationaries. B'mod partikulari jidher li jikkontesta l-hlas pretiz ghan-nuccali tal-minuri u d-donazzjonijiet tal-iskola u dana peress li l-ftehim surreferit kien jillimita l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tat-trasport.

Illi t-Tribunal jibda sabiex jinnota minnufih li l-intimat ma ressaq ebda eccezzjoni fis-sens illi l-attrici naqset illi timxi skont il-klawsola kuntrattwali surreferita jew li hija inkorriet xi spejjez minghajr ma infurmatu bihom imqar qabel il-kawza odjerna. Aktar minn hekk, huwa stess ammetta tramite x-xhieda tieghu li huwa kien pjenament a

konoxxenza tal-fatt li t-tifel kien ser jissottometti ruhu ghal intervent mediku liema intervent necessarjament u logikament iwassal ghax-xiri ta' medicini kif rikjest mill-bzonnijiet tas-sahha tal-istess minuri. Ghaldaqstant huwa car li, fl-ewwel lok, it-Tribunal mhuwiex tenut li jinvesti tali difiza li ma gietx formalment dedotta in atti permezz tar-risposta relattiva imma biss waqt ix-xhieda tal-istess konvenut. Fi kwalunkwe kaz jirrizulta anke mid-dokumenti ezebiti illi l-attrici kienet ta' spiss tikkomunika mal-konvenut permezz tal-email u tindikalu l-ispejjez inkorsi minnha a favur ta' binhom (ara f'dan is-sens Dok AG5 a fol.46 u dokumenti ezebit a fol. 50, 52, Dok. AG 9 a fol. 55).

Illi, kif inghad, jidher li l-konvenut issa qieghed jammetti bhala dovut minnu s-somma ta' €419.50 u jikkontesta l-bqija. B'mod partikulari, kif inghad, permezz tal-email datata 31 ta' Ottubru, 2019 huwa jikkontendi tramite l-avukat tieghu li mhuwiex dispost li jhallas l-ispejjez tan-nuccali "*stante illi* (l-attrici) *qatt ma hallsitu in-nuccali l-iehor ordnat ghat-tifel*" u wkoll "*l-ircevuti tad-donazzjoni tal-iskola stante illi l-ftehim jobbliga lill-*(konvenut) *ihallas biss it-trasport*".

It-Tribunal fela bir-reqqa l-ircevuti kollha ezebiti mill-attrici u jiddikjara li ma sab xejn hemmhekk li jista' jwassal ghal xi dubbju ragjonevoli li tali spejjez ma gewx ilkoll inkorsi a beneficcju ahhari tal-istess minuri b'mod partikulari fir-rigward tas-sahha u edukazzjoni tal-istess. B'mod partikulari, fir-rigward tal-ispiza inkorsa ghan-nuccali tal-minuri huwa car li tali nuccali gie mixtri sabiex jikkoregi kundizzjoni medika tal-istess minuri kif konfermat mir-ricetta medika u kwindi l-konvenut ghandu jkun tenut ihallas is-sehem tieghu mill-istess. Permezz tal-email surreferita il-konvenut jirreferi ghal xi spiza inkorsa minnu fir-rigward ta' xi nuccali iehor li huwa wkoll xtara lill-minuri. Madanakollu, anke hawn, il-konvenut baqa' ma ghamel ebda accenn ghal din l-ispiza tramite x-xhieda tieghu u ghall-mod illi bih din tista' b'xi mod tinfluwixxi fuq il-pagamenti dovuti minnu skont il-kuntratt ta' separazzjoni sottoskritt minnu stess.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-pagament jinsab deciz li tali eccezzjoni trid tigi pruvata minn min jallega l-istess pagament (ara f'dan is-sens, fost diversi ohrajn **WOODLINE LTD vs FORSITE DESIGN & PROJECT MANAGEMENT SERV** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu, 2003) imma f'dan il-kaz mhux biss

il-konvenut ma ressaqx prova ta' xi pagament tal-ircevuti ezebiti imma hawn ukoll lanqas accenna ghal tali allegat pagament tramite x-xhieda tieghu.

Illi fir-rigward tal-ispiza koncernanti l-mizata jew donazzjoni ghall-iskola it-Tribunal isib li huwa minnu li, skont il-kuntratt datat 21 ta' Marzu, 2016, il-konvenut mhuwiex tenut li jikkontribwixxi ghall-mizata tal-iskola tenut kont li huwa obbliga ruhu li jhallas it-trasport tal-minuri ghall-iskola. Ghaldaqstant, sakemm it-talba tirrigwardja nofs is-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin euro (€355) kif indikata mill-istess attrici fil-prospett anness minnha mal-avviz, ghandu ragun il-konvenut li jikkontendi li tali ammont huwa wiehed eccessiv u kwindi mhux dovut minnu skont il-kuntratt sottoskritt mill-istess kontendenti. Tenut kont li l-attrici ma ressqet ebda raguni li ghaliha, skont l-istess kuntratt, il-konvenut ghandu jkun tenut li jhallas somma li, fin-nuqqas ta' tali ragunijiet, ghandha tithallas minnha esklussivament, it-Tribunal isib li tali somma ghandha tibqa' a karigu tal-istess attrici esklussivament.

Illi finalment it-Tribunal jishaq li huwa l-obbligu tal-genituri li jikko-operaw bejniethom fl-ahjar interess tal-ulied. Dan necessarjament ifisser li anke jekk illum il-gurnata l-genituri m'ghadhomx flimkien xorta wahda jinkombi fuq l-omm l-obbligu li tinforma debitament lill-missier bl-ispejjez inkorsi minnha jew li ser jigi nkorsi minnha b'tali mod li l-konvenut ma jigix sorpriz bi spejjez akkumulati u/jew li jmorru oltre l-espettattivi tieghu filwaqt li jinkombi wkoll fuq il-konvenut li jhallas l-ammonti reklamati b'mod tempestiv *multo magis* fejn ma jkunx hemm kontestazzjoni tal-istess. Fil-kaz in ezami jidher li minkejja l-fatt li bosta mis-somom reklamati mill-attrici ma kenux qed jigu effettivament kontestati mill-konvenut, kif irrizulta car fil-mori tal-proceduri odjerni, dawn xorta wahda baqghu ma thallsux mill-konvenut. Jidher ukoll li din mhux l-ewwel darba li l-attrici giet kostretta illi tiehu azzjoni legali sabiex tfittex ghall-hlas ta' ammonti koncernanti l-istess minuri minghand il-konvenut, dana minkejja li z-zewg partijiet ghandhom ikunu ampjament a konoxxenza tal-obbligi rispettivi taghhom skont il-kuntratt ta' separazzjoni sottoskritt minnhom. Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal ma jistax ma jissollecitax lill-partijiet sabiex jaghmlu dak kollu mehtieg sabiex jikko-operaw kif imiss fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex jimxu fil-konfront ta' xulxin b'tali mod li jevitaw proceduri bhal dawn bi spejjez ulterjuri ghalihom filwaqt li

jassiguraw f'kull hin il-kontribut taghhom skont kif fuq kollox maqbul bejniethom fir-rigward ta' spejjez li jkunu kjarament relattivi ghall-istess minuri u dovuti minn parti jew minn ohra skont l-istess kuntratt.

It-Tribunal huwa kwindi tal-fehma li l-konvenut ghandu jjigi ikkundannat ihallas is-somma ta' elf u erbgha u erbghin euro u disgha u ghoxrin centezmi (€1044.29) rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mill-attrici skont il-prospett u ricevuti annessi minnha neqsin nofs l-ispejjez relattivi ghal mizata tal-iskola u cioe` mija u sebgha u sebghin euros u hamsin centezmi (€177.50) (nofs tlett mija u hamsa u hamsin euros (€355)) u filwaqt illi l-ispejjez ta'din il-procedura ghandhom jigu spartiti bejn il-partijiet f' ishma ta' wiehed minn hamsa (1/5) ghall-attrici u r-rimanenti erba' partijiet minn hamsa (4/5) ghall-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf, erbgha u erbghin euro u disgha u ghoxrin centezmi (€1044.29) u jichadha ghall-bqija u bl-istess mod jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut sakemm kompatibbli mas-surreferit u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghall-bqija u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma msemmija ta' elf, erbgha u erbghin euro u disgha u ghoxrin centezmi (€1044.29) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez jigu spartiti bejn il-partijiet f' ishma ta' wiehed minn hamsa (1/5) ghall-attrici u r-rimanenti erba' partijiet minn hamsa (4/5) ghall-konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**